*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,620, 16 ta' Lulju, 2010*

*Taqsima B*

**A.L. 355 tal-2010**

## ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

### Regolamenti ta' l-2010 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa u l-Insib għas-sena 2010)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, u skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 10(6)(t) tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2010 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-istaġun għall-Kaċċa u l-Insib għas-sena 2010).

Tifsir.

A.L. 79 ta' l-2006

**2.** Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsira bħal dak mogħti fir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti ta' l-2006".

Jiġi stabbilit l-istaġun.

**3.** Għall-finijiet li jistabbilixxi l-istaġun għall-kaċċa u l-insib ta' l-għasafar taħt ir-regolament 10 (6)(t), (ii) u (iii) tar-Regolamenti ta' l-2006, il-Prim Ministru stabbilixxa:-

Jiġi stabbilit l-istaġun.

(a) kaċċa minn fuq l-art għandha ssir bejn l-1 ta' Settembru 2010 u l-31 ta' Jannar 2011, bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u sagħtejn wara nżul ix-xemx fil-ġranet mit-Tnejn sas-Sibt, u bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u s-siegħa ta' wara nofsinhar (1.00p.m.) fil-Ħdud u l-Festi Pubbliċi:

Iżda, kaċċa minn fuq l-art bejn il-15 ta' Settembru 2010 u t-30 ta' Settembru 2010, ma tistax issir mit-Tnejn sas-Sibt wara l-ħin tat-3.00 ta' wara nofsinhar (3.00pm);

(b) kaċċa minn fuq il-baħar għandha ssir bejn l-1 ta' Ottubru 2010 u l-31 ta' Jannar 2011;

(c) teħid ta' Gamiem u Summien għandu jsir bejn l-1 ta' Settembru 2010 u l-30 ta' Ottubru 2010.

(d) teħid ta' Pluviera u Malvizz għandu jsir bejn l-20 ta' Ottubru 2010 u l-10 ta' Jannar 2011.

Applikabbilità għat-teħid u kaċċa fuq il-fenek selvaġġ.

**4.** Il-ħinijiet li japplikaw għat-teħid u l-kaċċa tal-fenek selvaġġ bejn il-15 ta' Settembru 2010 u t-30 ta' Settembru 2010, għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-proviso tal-paragrafu (a) tar-regolamenti 3 ta' dawn ir-regolamenti.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 355 of 2010**

## ENVIRONMENT PROTECTION ACT
## (CAP. 435)

### Conservation of Wild Birds (Declaration of the periods for Hunting and Taking for 2010) Regulations, 2010

BY VIRTUE of the powers conferred by article 9 of the Environment Protection Act, and in terms of the provisions of regulation 10(6)(t) of the Conservation of Wild Birds' Regulations, 2006, the Prime Minister has made the following regulations :–

Citation.

**1.** (1) The title of these regulations is the Conservation of Wild Birds (Declaration of the periods for Hunting and Taking for 2010) Regulations, 2010.

Interpretation.

L.N. 79 of 2006.

**2.** Terms and expressions used in these regulations, unless the context otherwise requires, shall have the same meaning as given to them in the Conservation of Wild Birds Regulations, 2006, hereinafter referred to as the "2006 Regulations".

Establishing of periods.

**3.** For the purposes of establishing the period for the hunting and taking of wild birds under paragraphs (i), (ii) and (iii) of sub-regulation (6) of regulation 10 of the 2006 Regulations, the Prime Minister has established the following dates: -

a) the hunting of birds on land shall be permitted between the 1st September 2010 and the 31st January 2011, betwen two hours before sunrise and two hours after sunset on any day between Monday and Saturday, and between two hours before sunrise and 1 o' clock in the afternoon (1.00 p.m) on Sundays and Public Holidays:

Provided that hunting on land between the 15th September 2010 and the 30th September 2010 shall not be permitted from Monday to Saturday after 3.00 pm and two hours before sunrise of the next following day.

b) the hunting of birds at sea shall be permitted between the 1st October 2010 and the 31st January 2011;

c) taking of Turtle Dove and Quail between the 1st September 2010 and the 30th October 2010; and

d) taking of Golden Plover and Song Thrush between the 20th October 2010 and 10th January 2011.

Applicability of the taking and shooting of Wild Rabbit

**4.** The applicable times for the taking and shooting of wild rabbits between the 15th September 2010 and the 30th September 2010 shall be as established in the proviso to paragraph (a) of regulation 3 of these regulations.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.19